# Dun Karm Vella (L-Għawdxi) 1897 - 1991

**kitba ta' Brian Camilleri**



Huwa xieraq li aħna l-Għargħurin nagħtu ġieħ u tislima lil kull min ta sehem fil-ħajja parrokkjali tagħna. Fir-raħal tagħna kienu diversi dawk il-personaġġi li bil-ħidma tagħhom taw is-sehem u offrew il-ħidma tagħhom fostna. Fost dawn il-personaġġi bla dubju ta' xejn irridu nsemmu lil tant saċerdoti u kappillani li ħadmu fostna u kollha ħallew l-marka tagħhom u aħna fid-dmir li ma ninsew qatt lil min kien ta' għajnuna fil-ħajja spiritwali tagħna.
Saċerdot partikulari li ħadem fil-parroċċa tagħna kien, Dun Karm Vella. Ħafna għadhom jiftakruh sew, ħafna oħrajn jafuh ftit u oħrajn bħali li ma jiftakruhx, nafuh biss għax smajna lil xi ħaddieħor isemmih.
Dun Karm Vella jew aħjar kif kien magħruf fostna Dun Karm l-Għawdxi twieled iż-Żebbuġ, Għawdex fit-30 t'Awissu 1897. Missieru Alwiġi u ommu Maria tawh trobbija nisranija u ta' karattru sod b'imħabba partikulari lejn Marija mtellgħa s-sema. Kien bniedem sempliċi u mimli umiltà, ta ħinu u l-enerġija tiegħu biex jaqdi l-vokazzjoni saċerdotali tiegħu.
Dun Karm, sa minn ċkunitu kellu ġibda lejn id-dar t'Alla u ma setax jonqos kien joqgħod maġenb il-Knisja taż-Żebbuġ u f'dan l-ambjent ħass li l-Mulej qed jgħajjatlu biex jaqdih fis-saċerdozju. Laħaq saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1922 u qaddes l-ewwel quddiesa lejlet il-Miled ta' l-istess sena, fil-Knisja taż-Żebbuġ.
Dun Karm dam jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot f'raħal twelidu għal ftit xhur biss. Dan ġara għaliex tant kien hemm saċerdoti f'raħal twelidu li ħass li għandu jaqdi l-vokazzjoni tiegħu f'Malta. Hekk sar, għaliex f'Marzu ta' l-1923 Dun Karm ħalla l-familja u r-raħal twelidu u ġie fostna l-Għargħurin u nistgħu ngħidu li Dun Karm ħassu komdu magħna għaliex dam aktar minn erbgħin sena fostna, mill-1923 sa l-1969. Dan is-saċerdot umli, mill-ewwel xammar il-kmiem għall-ħidma. Kien prokuratur taċ-Ċimiterju, jieħu ħsieb il-fratellanza tas-Sagrament li f'dawk iż-żmienijiet l-fratellanzi kienu popolari, u kien jgħin fil-ġbir għall-missjoni. Pero' l-aktar xogħol li kellu għal qalbu kien dak li jieħu ħsieb is-Santwarju taż-Żellieqa. Minn post nistgħu ngħidu mitluq, għamlu post ta' devozzjoni. Ħafna għadhom jiftakruh jinżel ta' sikwit iqaddes filgħodu kmieni u mbagħad joħroġlok fuq is-siġġu barra fejn il-bieb jitpaxxa fl-ambjent ta' quddiem il-kappella.



**Dun Karm Vella meta laħaq Saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1922**

Hekk kienet ħajtu fostna dan is-saċerdot umli Għawdxi. Fl-1969, minħabba raġunijiet ta' saħħa l-aktar f'riġlejh, ħass li għandu jerġa jingħaqad ma' familtu f'raħal twelidu. Missierijietna u ommijietna żgur li ħassew in-nuqqas tiegħu, imma qatt ħadd ma jista' jinsa dak li għamel fostna.
Sakemm waslet il-ġurnata tas-26 ta' Diċembru 1991, fl-età sabiħa ta' 94 sena, Dun Karm Vella mar jingħaqad ma' dak li sejjaħlu u ma' l-Assunta li tant ħabb u żgur kien hemm jilqgħu missierna San Bert. Il-familjari tiegħu qaluli li baqa' sakemm felaħ, hekk kif toqrob il-festa ta' San Bert, jixgħel il-gallerija u jtella' l-bandiera fuq il-bejt u lin-nies kien jgħidilhom " ma tafux li dalwaqt San Bert?"
Ħuti Għargħurin, ejjew ma ninsew qatt lil min fostna ta sehmu u ħinu fostna.
Il-festa t-tajba lil kulħadd u Viva San Bert.